MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 70/2006

**Il-Pulizija
Vs**

**John Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-kwalita' tieghu ta' Direttur ta' Jade Ltd (C 9145), fit-2 ta' Mejju, 2001, u qabel din id-data, naqas li jhallas lill-ex impjegata tieghu Jane Zammit ghal sahra li hi hadmet fl-istabbiliment tieghu fil-festi pubblici (14) u fil-Hdud (53 Hadd) meta hija kienet tithallas bir-rata normali flok bir-rata ta' hin doppju, liema sahra tammonta ghall-arretrati fl-ammont ta' LM644.20c (LM509.59c ghal Hdud u LM134.61c ghall-festi).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 10, 23 u 41 tal-Kap. 135, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu jhallas lil Jane Zammit is-somma ta’ LM644.20 kif ukoll ikkundannatu ghal multa ta’ LM50.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, b’dan li ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w b’hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- 1. l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi ghaliex, ghalkemm l-akkuza hi li l-appellant ma hallasx lil Jane Zammit ghal-tlieta u hamsin Hadd u ghall-erbghatax il-festa pubblika, li b’ kollox jammontaw ghal sena w gimgha xoghol, matul dan il-periodu l-bar tal-appellant kien jiftah biss erbghat ijiem fil-gimgha w allura Zammit kienet qed tahdem biss erbghat ijiem flok hamsa, taqla’ paga oghola b’ ammont ekwivalenti ghal tmin sieghat xoghol a bazi tal-*minimum wage* u, di piu’, tisraq “siegha*” break* kulljum mill-erbghat ijiem li kienet tahdem. Dan kollu jindika li mhux talli Zammit kienet qed tahdem granet zejda w ma tithallasx taghhom izda sahansitra kienet qeghdha attwalment tahdem gimgha ta’ 28 siegha u flok taqla’ LM48 jew LM49 fil-gimgha , kienet qed taqla’ LM60. 2. L-Ewwel Qorti tidher li skartat ix-xhieda tal-appellant u tal *accountant* tieghu Muscat, ghaliex dawn xehdu li meta giet impjegata Zammit, din giet impjegata biex tahdem il-Hdud minghajr ma tithallas zejjed, tenut kont illi hi kienet qed taqla’ LM60 fil-gimgha minnflok il-*minimum wage*. Id-*double time* ghall-Hdud kien *in built* fil-paga taghha ghax kienet qed tircevi xi LM11/LM12 aktar mill-minimum wage skond il-ftehim bejn l-*employer* u l-impjegata. Dan jappika wkoll anki kieku kienet qed tircevi l-*minimum***

**_wage_. 3. Terga w tghid ghalkemm Zammit tichad li qatt hadet _leave_, mid-dokumenti esebiti minnha jirrizulta li kienet hadet ghaxart ijiem _leave_ tul il-periodu in kwistjoni. 4. L-Ewwel Qorti donnha riedet tghid li Zammit iddikjarat li kienet qed tahdem granet izjed minn dawk li qalu li kienet qed tahdem l-appellant u l-_accountant_ Muscat. Fil-kaz ta' Festi pubblici li kienu jaqghu t-Tnejn, it-Tlieta w l-Erbgha, dawn hi ma kienetx tahdimhom ghax il-bar kien ikun maghluq. Hekk l-erbghatax il-Festa Pubblika jinzlu ghal disgha. Fi kliem iehor Zammit giet thallset aktar milli kien jisthoqqilha skond il-ligi w mhux il-kaz li ma thallsitx _"double time"_ ghal Hdud u l-Festi.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju tal-appellant huwa duplici fis-sens li ma jirrigwardax biss l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti imma ukoll l-apprezzament – jew ahjar l-interpretazzjoni - tal-ligi. Illi ghalhekk kien rilevanti ferm li din il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tiffoka fuq il-ligi applikabbli ghall-kaz. Meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, rat illi l-Ewwel Qorti ghamlet biss riferenza ghal u ccitat l-artikoli 10, 23 u 41 tal-Kap.135.**

**Issa, fil-waqt li l-artikolu 41 tal-Kap.135 hu dak li johloq ir-reati w pieni fil-konfront ta' kull principal li jikser jew jonqos milli joqghod ghal xi kondizzjionijiet ta' impieg maghrufa preskritti b' ordni ta' _standard_ nazzjonali jew b' ordni li jirregola l-pagi, ecc., u l-artikolu 10 jiddisponi li l-kondizzjonijiet ta' l-impieg preskritti f' ordni ta' _standard_ nazzjonali, jew ordni li tirregola l-pagi, ikunu kondizzjonijiet maghrufin ta'**

**impieg ghall-impjegati interessati, u fil-waqt ukoll li l-artikolu 23 jipprojbixxi xi tnaqqis mill-paga ta' impjegat, ghajr fic-cirkostanzi hemm kontemplati, ma gie citat ebda artikolu jew paragrafu ta' xi *wage regulation order* li kien jiddisponi kemm fil-fatt kienet il-paga dovuta lill-impjegati fil-periodu in kwistjoni, u x' rati ta' *"double time*" ecc. kienu applikabbli fil-generu ta' impieg li fih kienet impjegata Jane Zammit. Illi kjarament fil-waqt li l-artikoli citati mill-Ewwel Qorti jenuncjaw il-principji generali applikabbli, l-ksur tal-ligi imputat lill-appellant johrog biss mill-ordni li jirregola l-paga relattiv u dan hu l-element kostituttiv tar-reat dedott.**

**Ikkonsidrat;**

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia" **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla stante li ma gie citat la l-ordni li jirregola l-paga li l-ksur tieghu qed jigi allegat u inqas u inqas il-paragrafu jew paragrafi tal-istess ordni li jirregola l-paga li nkiser jew inkisru bl-agir tal-appellant u li proprjament tahtu jew tahtom setghet tinstab htija skond l-imputazzjoni dedotta fil-komparixxi. Biex umbaghad ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio ezami, din il-Qorti qed terga' tibghat l-atti processwali lill-Ewwel Qorti biex il-kawza terga' tigi deciza mill-gdid skond il-ligi, b' mod li l-appellant qed jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------